**21 ta' April, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Paolina Portelli

*versus*

Grazia Scicluna

**Bejgħ — Kapparra — Art. 1409 tal-Kodiċi Ċivili**

*Il-kapparra hi konfermatorja meta l-iskop tagħha jkun li tassikura l-eżekuzzjoni tal-obligazzjoni; hi penitenzjali meta dak l-iskop hu li toffri mezz ta' skamp jew ħelsien mill-obligazzjoni.*

*Fil-ġurisprudenza u d-dottrina ġuridika jipprevali s-sistema li jiddistingwi skond jekk il-kapparra tiġix mogħtija qabel jew wara l-perfezzjoni tal-kuntratt; fl-ewwel każ, meta tingħata f'konvenzjoni preliminari, bħal meta tingħata fi promessa ta' bejgħ, għandu jiġi lilha attribwit karattru penitenzjali, ċjoè tali li kull wieħed mill-partijiet jista' jirreċedi mill-konvenzjoni billi jitlef il-kapparra mogħtija jew jiżborża d-doppju ta' dik ġa riċevuta; mentri fit-tieni każ, meta l-kapparra tiġi mogħtija għall-kuntratt perfett u definittiv, bħal dak ta' bejgħ attwali, il-kapparra għandha karattru konfermatorju, u allura mhux leċitu lil ebda waħda mill-partijiet li xxolji ruħha mill-kuntratt billi titlef il-kapparra.*

*Il-liġi tagħna tikkontempla l-kapparra fil-każ biss ta' promessa ta' bejgħ, fejn lill-kapparra, skond dawn il-prinċipji, jingħata l-effett penitenzjali.*

*U allura x-xerrej li jkun ta kapparra fuq att ta' konvenju ma jistax jeżiġi r-restituzzjoni tal-kapparra minnu mogħtija, jekk hu jirrifjuta li jersaq għall-att tal-bejgħ definittiv, u dan ir-rifjut ma jkunx ġustifikat.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, wara li tippremetti illi bi skrittura privata tat-28 ta' Ġunju 1957 (dok. "A") hija u l-konvenuta kienu daħlu fi ftehim, li per mezz tiegħu l-konvenuta kienet obligat ruħha versu lejha, li aċċettat, li tbiegħelha t-terran numru 7D. Hom-

pesch Street, Żabbar, suġġett għaċ-ċens ta' *£2.10.0* fis-sena in perpetwu lejn Mary Cassar, sottopost għall-bini ta' ħdejh numru 7C., li hu mezzanin, bil-komunjoni tal-bir ma' dak il-fond, bil-prezz ta' £650, li minnhom £50 ġew imħallsa fuq l-istess skrittura bħala kapparra (dok. "A"); u illi dak il-bejgħ ma sarx, billi in segwitu l-partijiet ma qablux fuq il-modalitajiet; titlob illi, premessi d-dikjarazzjoni neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenuta tiġi kundannata minn din il-Qorti tirrifondilha s-somma ta' £50 mħallsa bħala kapparra, parti mill-prezz ta' £650 miftiehem bejn il-partijiet għal bejgħ tat-terran 7D. Hompesch Street Żabbar fil-konvenju tat-28 ta' Ġunju 1957 (dok. "A"). Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali kontra l-konvenuta;

*Omissis*;

Illi mid-dibattitu orali jirriżulta li kien sar ftehim bejn il-kontendenti fis-sens li l-konvenuta tbiegħ lill-attriċi l-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni, u għal dan l-iskop huma marru għand in-Nutar Dr. Mario Bonello, li rrediġa l-iskrittura relattiva tal-konvenju; li biha l-konvenuta obligat ruħha li tbiegħ lill-attriċi, li aċċettat li tixtri, dak il-fond, bil-kondizzjonijiet indikati fl-istess skrittura. Fost dawn il-kondizzjonijiet kien hemm dik li l-bejgħ kellu jsir bil-prezz ta' £650, li minnhom, dak inhar stess li sar il-konvenju, l-attriċi ħallset lill-konvenuta £50 bħala kapparra; il-bilanċ ta' £600 kellu jitħallas fuq l-att tal-bejgħ. Ġara li l-bejgħ tal-fond ma sarx, u għalhekk l-attriċi talbet lill-konvenuta tirrifondilha dawk il-£50; u billi din ma riedetx tagħmel hekk hija ġiet il-quddiem b'din il-kawża;

Illi mhux f'kuntrast li bl-iskrittura ġa msemmija ġiet mill-kontendenti stipulata kapparra. Il-kwistjoni bejn il-kontendenti hi jekk din il-kapparra hijiex konfermatorja jew inkella penitenzjali, li huma tnejn mid-diversi karattri li dottrinalment il-kapparra, skond l-iskop li għalieh tiġi mogħtija, jista' jkollha; ċjoè hi konfermatorja meta l-iskop tagħha jkun li tassigura l-eżekuzzjoni tal-obligazzjoni; *u hi penitenzjali meta dak l-iskop hu li toffri mezz* ta' skamp jew ħelsien mill-obligazzjoni. Sa fi żmien id-

Dritt Ruman kien kontrovers bejn l-iskritturi kif kellu, fid-dubju, jiġi determinat x'ikun l-iskop li għalieh il-kapparra tkun ġiet stipulata, ċjoè biex tiġi magħrufa n-natura tagħha. Fil-ġurisprudenza u d-dottrina ġuridika jippredomina s-sistema li jiddistingwi skond jekk il-kapparra tiġix mogħtija qabel jew wara l-perfezzjoni tal-kuntratt; fl-ewwel każ, meta tingħata f'konvenzjoni preliminari, bħal dik ta' promessa ta' bejgħ, għandu jiġi attribwit karattru penitenzjali, ċjoè kull waħda mill-partijiet tista' tirreċedi mill-konvenzjoni billi titlef il-kapparra mogħtija, jew tiżborża d-doppju ta' dik ġa riċevuta, skond il-każ; mentri fit-tieni każ, meta l-kapparra tiġi mogħtija għall-kuntratt perfett u definittiv, bħal dak ta' bejgħ attwali, il-kapparra għandha karattru konfermatorju. u allura mhux leċitu lill-ebda waħda mill-partijiet li xxolji ruħha mill-kuntratt billi titlef il-kapparra. Il-liġi tagħna tikkontempla l-kapparra fil-każ biss ta' promessa ta' bejgħ (art. 1409 Kod. Ċiv.), fejn lill-kapparra, skond il-prinċipji ġa msemmija, jingħata l-effett penitenzjali;

Illi f'dawn iċ-ċirkustanzi, fil-ħsieb ta' din il-Qorti, il-kwistjoni bejn il-kontendenti fil-każ taħt konsiderazzjoni ma tantx toffri diffikultà; għaliex jittratta minn kapparra li saret fil-każ espressament kontemplat mill-liġi, ċjoè fi promessa ta' bejgħ u xiri. Id-diffikultà setgħet biss tinqala' kieku l-kapparra ngħatat f'każ ta' bejgħ definittiv, li tiegħu tkun ġiet differita l-eżekuzzjoni. Għalhekk, fil-każ preżenti, ladarba l-kapparra ġiet stipulata u mogħtija in konnessjoni ma' konvenzjoni preliminari, ma' promessa ta' bejgħ u xiri, l-istess għandha titqies ta' karattru penitenzjali, u għandha tintilef minn min mill-kontendenti rreċeda mill-promessa minnu mogħtija;

Illi mhux f'dubju li l-parti li rresiliet mill-konvenzjoni kienet, u hi, l-attriċi. Fiċ-ċitazzjoni u d-dikjarazzjoni annessa magħha, l-attriċi tgħid li l-bejgħ ma sarx għaliex in segwitu għall-konvenju hija u l-konvenuta ma qablux fuq ċerti modalitajiet tal-istess bejgħ. Però l-attriċi ma hix korretta f'dan ir-rigward. Infatti, minn kif ġie verbalizzat fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 1958, u fl-oħra tat-12 ta' Marzu 1959, u anki mix-xhieda tan-Nutar Dr. Mario Bo-

nello, jirriżulta li l-bejgħ ma sarx unikament minħabba inadempjenza tal-attriċi, billi sa meta skada t-terminu tal-konvenju hija ma kellhiex flus kontanti biex tħallas il-prezz tal-bejgħ u tesegwixxi l-promessa tagħha li tixtri l-fond. Jumejn qabel l-iskadenza tat-terminu l-konvenuta nterpellat lill-attriċi biex tersaq għall-kuntratt, ġurnata wara li l-attriċi ppreponiet lill-konvenuta biex il-kuntratt isir b'dilazzjoni għall-pagamenti; imma l-konvenuta ma aċċettatx din il-proposta. Il-konvenuta, però, kienet fid-dritt li l-istess proposta ma taċċettahiex; għaliex, skond il-ftehim fl-att tal-konvenju, il-prezz tal-bejgħ, ċjoè l-bilanċ tiegħu, billi £50 minnu ġew qabel imħallsa bħala kapparra, kellu jitħallas fuq l-att tal-bejgħ; anzi l-konvenuta kienet, kif għadha, dejjem lesta taddivjeni għall-kuntratt tal-bejgħ mal-attriċi jekk din tħallas il-prezz relattiv fuq il-kuntratt;

Illi għalhekk it-talba tal-attriċi ma għandhiex tiġi milqugħa;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi għall-esklużjoni tal-istess talba; bl-ispejjeż.